**68. Il-Ministru tal-Ġustizzja, Artijiet, Djar u Affarijiet tal-Parlament, l-Onor. Ġużè Cassar, jipproponi din ir-Riżoluzzjoni:**

Billi huwa maħsub fl-aritkolu 3 tal-Att tal-1976 dwar it-Trasferiment ta' Artijiet tal-Gvern li art (kif imfisser f'dak l-Att) li tkun proprjetà tal-Gvern jew li hi amministrata minnu ma tistax tiġi trasferita (wkoll kif imfisser f'dak l-Att) ħlief skond xi waħda mid-dispożizzjonijiet tal-paragrafi (a), (b), (ċ) jew (d) tas-subartiklu (1) taż dak l-artikolu;

U billi huwa maħsub fil-paragrafu (b) tal-imsemmi subartikoli li trasferiment kif imsemmi qabel jista' jsir "skond policy applikabbli għall-art li jkun hemm il-ħsieb li tiġi trasferita u approvata b'riżoluzzjoni tal-Kamra tad-Deputati li tkun fis-seħħ fil-ħin tat-trasferiment";

U billi b'riżoluzzjoni tal-4 ta' Awissu, 1976, il-Kamra tad-Deputati approvat il-policy miġbura f'dokument anness mal-istess riżoluzzjoni għall-finijiet tal-paragrafu (b) tal-imsemmi artikolu;

U billi skond il-paragrafu (a) tas-subartikolu (2) tal-istess artikolu 3 tal-imsemmi Att, Riżoluzzjoni tal-Kamra tad-Deputati mgħoddija għall-finijiet tal-paragrafu (b) fuq imsemmi, tibqa' sseħħ għal żmien sena biddat li tgħaddi, iżda tista' tiġġedded b'riżoluzzjoni oħra li ssir wara għal perijodu ieħor ta' sena jew għal dak il-perijodu l-ieħor li jista' jiġi speċifikat fir-riżoluzzjoni;

Għalhekk huwa b'dan riżolut li r-riżoluzzjoni tal-Kamra tad-Deputati fuq imsemmija tal-4 ta' Awissu, 1976 tiġġedded sal-31 ta' Mejju, 1979.

08.07.1977